MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1/2004

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**Vs**
**C sive C B, u b' digriet tad-29 ta' Lulju 2005 il-kunjom 'B' gie sostitwit bil-kunjom 'Chircop', f' isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri E; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur A B u l-konvenuta C sive C B ilhom *de facto* separati tant li l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali madwar sena u nofs ilu u l-ebda rinunjoni bejn il-partijiet ma kienet possibli billi l-konvenuta marret

tirrisjedi ma’ D F li ghandu Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 236270M;

Premess illi l-attur ikun msiefer barra mill-Gzejjer Maltin ghal diversi granet u dana billi huwa jahdem barra minn Malta u dana kif jirrizulta mit-timbri fuq il-passaport tieghu; (Dok A);

Premess illi fil-frattemp il-konvenuta kellha tarbija jismu E li twieled nhar il-Gimgha 8 ta’ Awissu 2003 kif jirrizulta mill-anness certifiat tat-twelid (Dok B); u

Premess illi l-imsemmija tarbija giet registrata b’kunjom l-attur meta hu mhuwiex il-missier; u

Premess illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija li effettivament mhuwiex ibnu u dana ghar-ragunijiet imsemmija f’artiklu 70 sub-artiklu (1)(a); (b); u (d) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ighidu ghalhekk il-konvenuti, jew minn minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li l-imsemmija tarbija m’hijix wild naturali ta’ l-attur;

2. tiddikjara, jekk ikun il-kaz, lil D F bhala missier l-imsemmija tarbija; u

3. konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija imsemmija li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni 2840 mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem A B, l-eta’, post ta’ twelid u residenza ta’ l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u tordna kull modifika ohra in vista ta’ l-ewwel talba u jekk jinhtieg, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti taqbel bhala fatt ma' l-ewwel u t-tieni talba attrici illi ghandu jigi dikjarat illi l-minuri E mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur u li l-missier il-minuri huwa D F;

2. Illi ghal dak li jirrigwardja t-tielet talba, l-esponenti taqbel ukoll illi jithassar isem l-attur mill-kolonna li tiffigura missier it-tarbija, kif ukoll il-konnotati kollha ta' l-istess attur, u dan fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 2840 tas-sena 2003 u fejn jehtieg fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti, b'dan ghalhekk it-talba mhijiex opposta.

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet suesposti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali D F biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi tad-dettalji fl-Att tat-Twelid in kwistjoni aparti l-fatt illi l-imsemmi D F ghandu interess illi jkun parti minn din il-kawza.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu il-kliem *"the said"* iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar id-dettalji ta' l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga tal-5 ta' Marzu 2004 skond l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni[1] tal-espert xjentifiku Dr.Renald Blundell minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din hi azzjoni ta' de negata paternita' promossa mill-attur a bazi tal-Artikolu 70[1] paragrafi [a],[b] u [d] tal-Kap.16 fir-rigward tal-minuri E wild tal-konvenuta u li twieled fit-8 ta' Awissu 2003 skond certifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni, anness ma' l-att tac-citazzjoni.[2]

Mill-provi jirrizulta pacifiku li fid-data fuq indikata, ghalkemm il-konjugi B kienu ghadhom ma nfirdux legalment, fil-fatt huma kienu ilhom circa sena u nofs separati de facto, u l-konvenuta kienet qed tirrissjedi ma' certu D F.

Ftit wara l-festi ta' l-ewwel tas-sena 2002 il-konvenuta kienet iltaqghet ma' l-imsemmi D F u bdiet relazzjoni mieghu u dawn marru jghixu flimkien go appartament fil-Gzira. Fl-affidavit tieghu, D F jghid li "ir-relazzjoni tieghi ma C B kienet sejra tajjeb hafna u ddecidejna li jkollna familja. Ftit taz-zmien wara, mir-relazzjoni sesswali ta' bejnietna C harget tqila. Qieghed nghid li mir-relazzjoni ta' bejnietna ghaliex dejjem ghixna flimkien u konna nohorgu biss flimkien. It-tarbija taghna twieldet fit-8 ta' Awissu 2003 u ddecidejna li nsemmu t-tarbija E."[3] Izda peress li l-konvenuta ma kienitx ghadha separata de jure

[1] Fol.59 - 61
[2] Dok.B fol.15
[3] Fol.31

minn ma’ l-attur, it-tarbija kellha tigi registrata fuq l-attur bhala l-missier.

Il-premess jinsab korroborat mill-konvenuta li tikkonferma wkoll li kienet ilha zmien li kienet iddecidiet li tissepara legalment minn ma’ l-attur minhabba li dan kien ikun xoghol barra minn Malta ghal zmien twil, izda naqset li tkompli bil-proceduri minhabba li f’ dak iz-zmien hasset li dawn kienu jinvolvu spejjez inutili gjaladarba l-attur kien qed jaghmel zmien twil barra minn Malta; izda “minn dak in-nhar il quddiem jiena qatt ma kelli relazzjoni sesswali ma’ A B u l-ebda kuntatt iehor ghajr permezz tat-telefon.”[4] Hija tispjega kif iltaqet ma’ D F fil-bidu tas-sena 2002 u eventwalment, fuq decizjoni taghhom, dawn kellhom it-tarbija E fid-data fuq indikata.

L-attur fl-affidavit tieghu redatt fil-31 ta’ Jannar 2005 jikkonferma li “ghal dawn l-ahhar tlett snin ma kelli ebda relazzjoni sesswali ma marti [il-konvenuta]”[5]

Illi l-pretensjoni ta’ l-attur li hu mhuwiex missier it-tarbija, issib konfort fir-rizultat tat-testijiet xjentifici tad-DNA li, jeskludu li hu l-missier bijologiku tat-tifel E, u inoltre jinkonfermaw il-paternita’ ta’ D F bhala l-missier ta’ l-istess wild.

Illi mill-kwadru premess t-talbiet attrici jsibu sostenn fil-provi, u huma applikabbli ghall-kaz odjern id-dispost tal-paragrafi [b] u [d] tal-Artikolu 70 [1] tal-Kap.16.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u [1] tiddikjara li t-tarbija E m’ hijiex il-wild naturali ta’ l-attur, izda hija l-wild naturali ta’ D F li hu l-missier biologiku taghha; [2] tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri E, li jgib in-numru progressiv ta’ elfejn tmein mija u erbghin [2840] tas-sena elfejn u tlieta [2003] fis-sens li taht l-intestatura “Taghrif dwar Missier it-Tarbija: Isem u kunjom il-missier, Eta’, Fejn Twieled, Fejn Joqghod, Isem u

---

[4] Fol.32
[5] Fol.29

kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” it-taghrif indikat fl-Att jitnehha kollu u jidhol minfloku s-segwenti taghrif: “D F” ta’ 33 sena, imwieled Tas-Sliema u residenti l-Mosta, bin Carmelo F [haj]. Inoltre, tordna li l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar id-dettalji ta’ l-omm fl-Att in kwistjoni.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta f’isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------